**Rikors ippreżentat fl-14 ta' Jannar 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju ta' Spanja**

**(Kawża C-18/09)**

(2009/C 69/49)

*Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: K. Simonsson u L. Lonzano Palacios, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju ta' Spanja

**Talbiet tal-parti rikorrenti**

— tiddikjara li, billi żamm fis-seħħ il-Liġi 48/2003, tas-26 ta' Novembru, dwar sistema ekonomika u ta' provvista ta' servizzi tal-portijiet ta' importanza ġenerali, u b'mod partikolari l-Artikolu 24(5) u l-Artikolu 27(1), (2) u (4) tagħha, li jistabblixxu sistema ta' tnaqqis u eżenzjonijiet mit-taxxi tal-port, ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt Komunitarju ([1]), u b'mod partikolari taħt l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4055/86, tat-22 ta' Diċembru 1986, li japplika l-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi tat-trasport marittimu bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi.

— tikkundanna lir-Renju ta' Spanja għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-liġi Spanjola tistabbilixxi sensiela ta' eżenzjonijiet u tnaqqis relati mat-taxxi tal-port. Dawn l-eżenzjonijiet u tnaqqis jikkonċernaw il-portijiet ta' oriġini u destinazzjoni tal-bastimenti, u konsegwentement l-applikazzjoni ta' tariffi iktar favorevoli, l-ewwel nett, għat-traffiku bejn arċipelagi Spanjoli jew ma' Ceuta u Melilla, it-tieni nett, għat-traffiku bejn dawn il-portijiet u l-portijiet tal-Unjoni Ewropea, u t-tielet nett, bejn il-portijiet tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, skont il-Kummissjoni, din il-leġiżlazzjoni tirriżulta diskriminatorja.

Ir-Renju ta' Spanja, li jinvoka s-sitwazzjoni ġeografika partikolari tal-portijiet inkwistjoni, ma ġġustifikax il-ħtieġa u lanqas il-proporzjonalità tal-miżura. Minkejja li daħal fi'mpenn li jemenda l-leġiżlazzjoni inkwistjoni, il-Kummissjoni ma tikkonstata ebda adozzjoni ta' liġi li ttemm dan il-ksur.

([1]) ĠU L 378, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Högsta domstolen (l-Iżvezja) fid-19 ta' Jannar 2009 — Djurgården-Lilla Värtans Miljöskyddsförening vs AB Fortum Värme samägt med Stockholms stad**

**(Kawża C-24/09)**

(2009/C 69/50)

*Lingwa tal-kawża: L-Iżvediż*

**Qorti tar-rinviju**

Högsta domstolen.

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Djurgården-Lilla Värtans Miljöskyddsförening.

*Konvenuta:* AB Fortum Värme samägt med Stockholms stad.

**Domandi preliminari**

1) Id-dispożizzjoni tal-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337 ([1]) — li f'ċerti ċirkustanzi l-pubbliku interessat għandu jkollu aċċess għal proċedura ta' stħarriġ quddiem qorti tal-ġustizzja jew korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi — timplika li hemm ukoll ir-rekwiżit li l-pubbliku interessat ikollu dritt jikkontesta deċiżjoni ta' qorti fi proċedura ta' approvazzjoni ta' ppjanar f'każ fejn il-pubbliku interessat kellu l-opportunità li jipparteċipa fl-eżami mill-qorti tad-domanda għall-approvazzjoni tal-ippjanar u li jissottometti l-fehmiet tiegħu lil dik il-qorti?

2) Jekk ir-risposta għad-domanda Nru 1 hija fl-affermattiv: L-Artikoli 1(2), 6(4) u 10a tad-Direttiva 85/337 għandhom jiġu interpretati li jfissru li rekwiżiti nazzjonali differenti jistgħu jiġu stabbiliti rigward il-pubbliku interessat imsemmi fl-Artikolu 6(4), minn naħa, u l-Artikolu 10a, min-naħa l-oħra, bir-riżultat li assoċjazzjoni lokali għall-protezzjoni tal-ambjent li għandha d-dritt li tipparteċipa fil-proċeduri tat-tfassil ta' deċiżjonijiet msemmija fl-Artikolu 6(4) fir-rigward ta' proġetti li jista' jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent fiż-żona fejn l-assoċjazzjoni tkun attiva ma jkollhiex — peress li għandha membri inqas mill-minimu stabbilit fil-liġi nazzjonali — id-dritt li tappella minn dik id-deċiżjoni kif stabbilit fl-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337?

3) Id-dispożizzjoni tal-Artikolu 15a tad-Direttiva 96/61 ([2]) — li f'ċerti ċirkustanzi l-pubbliku interessat għandu jkollu aċċess għal proċedura ta' stħarriġ quddiem qorti tal-ġustizzja jew korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi sabiex jikkontesta l-legalità sostanzjali u proċedurali ta' kull deċiżjoni — timplika li hemm rekwiżit li l-pubbliku interessat ikollu dritt jikkontesta deċiżjoni ta' qorti fi proċedura ta' approvazzjoni ta' ppjanar f'każ fejn il-pubbliku interessat kellu l-opportunità li jipparteċipa fl-eżami mill-qorti tad-domanda għall-approvazzjoni tal-ippjanar u jissottometti l-fehmiet tiegħu lil dik il-qorti?